Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 21/16

**AVVIŻI**

**22 ta' Mejju 2016**

Nhar it-Tnejn fis 7pm sa ssir laqgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali għall-ġenituri u l-parrini ta' dawk li sa jirċievu l-Griżma tal-Isqof. Huwa importanti ħafna li jattendi kulħadd.

Nhar it-Tlieta fis-7.30pm issir l-aħħar laqgħa dwar il-liturġija li sa titratta l-ministeru tal-letturi u punti prattiċi fil-ħajja liturġika tal-parroċċa tagħna. Tkun ħaġa sabiħa li jekk hemm xi mistoqsijiet dwar dan jitwasslu lill-kappillan qabel il-laqgħa.

Nhar il-Ħadd 29 ta' Mejju niċċelebraw il-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù (Corpus). Filgħodu fil-quddiesa li sa ssir fl-10am issir l-Ewwel Tqarbina tat-tfal. Il-MUSEUM ikun miftuħ fit-8.15am u fid-9.30am jitlaq il-korteo lejn il-Knisja.
Filgħaxija fis-7.30pm, fi tmiem il-quddiesa, issir purċissjoni madwar it-toroq tal-parroċċa li fiha jieħdu sehem it-tfal li jkunu rċevew l-ewwel tqarbina.

It-Tnejn 30 ta' Mejju nfakkru l-Konsagrazzjoni tal-Knisja li hija festa importanti ħafna fil-ħajja tal-parroċċa. Fis-7pm ssir il-konċelebrazzjoni solenni tal-quddiesa li għaliha għandhom jieħdu sehem l-għaqdiet, kummissjonijiet u kumitati kollha tal-parroċċa.